# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 481

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

19 ta’ Diċembru 2022

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il–Kunsill**

2022/C 481/01 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2022 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta’ Moviment għall-Ħaddiema għad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall ........ 1

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 481/02 Rata tal-kambju tal-euro — Is-16 ta’ Diċembru 2022 ........ 4

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 481/03 Avviż minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Kawża M.10987 – BAIN CAPITAL / CAVERION) — Każ li jista’ jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ........ 5

2022/C 481/04 Avviż minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Il-Każ M.10919 – APOLLO / ATLAS AIR WORLDWIDE HOLDINGS) — Każ li jista’ jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ........ 7

MT

[1] Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2022/C 481/05 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ........ 8

2022/C 481/06 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ........ 11

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL–KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Ottubru 2022**

**li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema għad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall**

(2022/C 481/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall,

Billi:

(1) Il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Settembru 2022 ([2]), ħatar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema għall-perjodu mill-25 ta' Settembru 2022 sal-24 ta' Settembru 2024.

(2) Il-gvernijiet tad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall ippreżentaw listi ta' nomini għal diversi postijiet li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin bħala membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema għall-perjodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2024:

([1]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali )

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Danimarka | Is-Sur Stig HANSEN NØRGAARD<br>Is-Sa Rikke MARK SEERUP | Is-Sa Lone HENRIKSEN |
| Ġermanja | Is-Sur Friedemann BENDER<br>Is-Sur Oliver MAOR | Is-Sa Dagmar HILPERT |
| Greċja | Is-Sur Georgios NERANTZIS<br>Is-Sa Angeliki LINTZOU | Is-Sa Angeliki TZORTZAKI |
| Kroazja | Is-Sur Petar STRIŽAK<br>Is-Sa Martina ŠPUNDAK | Is-Sa Iva MUSIĆ OREŠKOVIĆ |
| Italja | Is-Sur Daniele LUNETTA | |
| Ċipru | Is-Sur Prodromos PRODROMOU<br>Is-Sur Antonis KAFOUROS | Is-Sa Alexia TSAOUSI |
| Lussemburgu | Is-Sa Patrice FURLANI<br>Is-Sur Tom MEYER | Is-Sur Armin SKROZIC |
| Portugall | Is-Sa Ana Margarida SILVA<br>Is-Sa Helena BENTES | |

II. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Danimarka | Is-Sa Lotte DICKOW SCHMIDTH<br>Is-Sa Christina BORRIES | Is-Sa Käthe Munk RYOM |
| Ġermanja | Is-Sa Alexandra KRAMER<br>Is-Sur Nicolas ENGELBARTS | Is-Sa Maria DIMCHEVA |
| Greċja | Is-Sa Stavroula DIMITRIADOU<br>Is-Sur Vasilios MANTAZIS | Is-Sa Vaso KRATIMENOU |
| Kroazja | Is-Sa Vesna MAMIĆ<br>Is-Sa Ana KRANJAC JULARIĆ | Is-Sa Ivana ŠEPAK ROBIĆ |
| Italja | Is-Sur Andrea MALPASSI<br>Is-Sur Michele BERTI | Is-Sa Ilaria Arianna FONTANIN |
| Ċipru | Is-Sa Marina STAVRINOU KOUKOU<br>Is-Sur Christos KARYDIS | Is-Sur Stelios CHRISTODOULOU |

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Malta | | Is-Sa Isabella FARRUGIA |
| Portugall | Is-Sur José Manuel DA LUZ CORDEIRO<br>Is-Sur Fernando José MACHADO GOMES | Is-Sa Ana Elisabete MARTINS CLEMENTE BORGES |

III. RAPPREŻENTANTI TAL-ASSOĊJAZZJONIJIET TA’ MIN IĦADDEM

| Pajjiż | Membri | Membri supplenti |
|---|---|---|
| Danimarka | Is-Sa Maja KLUGER DIONIGI<br>Is-Sa Trine Birgitte HOUGAARD | Is-Sa Birgitte NYMARK |
| Ġermanja | Is-Sa Noora NEUMAYER<br>Is-Sur Nicolas KELLER | Is-Sa Teresa HORNUNG |
| Kroazja | Is-Sa Nuša ŽUNEC<br>Is-Sur Dario ĆORIĆ | Is-Sa Mirela GUDAN |
| Italja | Is-Sa Paola ASTORRI<br>Is-Sur Paolo BALDAZZI | Is-Sur Fabio ANTONILLI |
| Ċipru | Is-Sur Giorgos HADJIKALLIS<br>Is-Sur Emilios MICHAEL | Is-Sur Andreas ALEXI |
| Lussemburgu | Is-Sur Philippe HECK<br>Is-Sur Raymond HORPER | Is-Sa Cristelle BRETNACHER-CERVELLATI |
| Portugall | Is-Sa Cristina NAGY MORAIS<br>Is-Sur Nuno BERNARDO | Is-Sur Afonso Manuel ALVES E PINHO DE CARVALHO |

*Artikolu 2*

Il-membri u l-membri supplenti li għadhom mhumiex innominati ser jinħatru mill-Kunsill f’data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta’ Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. SÍKELA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Is-16 ta' Diċembru 2022**

(2022/C 481/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0619 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4506 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 145,53 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,2632 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4379 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6687 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,87233 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,4413 |
| SEK | Krona Żvediża | 11,0153 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 389,70 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 0,9879 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 18,6708 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 150,10 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,4037 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,4833 | HRK | Kuna Kroata | 7,5385 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 575,47 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,262 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,6984 |
| HUF | Forint Ungeriż | 407,10 | PHP | Peso Filippin | 58,967 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,6925 | RUB | Rouble Russu | |
| RON | Leu Rumen | 4,9213 | THB | Baht Tajlandiż | 37,145 |
| TRY | Lira Turka | 19,8039 | BRL | Real Brażiljan | 5,6233 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5866 | MXN | Peso Messikan | 21,0634 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 87,8240 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Kawża M.10987 – BAIN CAPITAL / CAVERION)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 481/03)

1. Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bain Capital Investors, LLC ("Bain Capital", L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA),

— Caverion Corporation ("Caverion", il-Finlandja).

Bain Capital se takkwista, fi ħdan is-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll kollu ta' Caverion.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Bain Capital hija ditta privata tal-investimenti ta' ekwità li tinvesti, permezz tal-familja ta' fondi tagħha, f'kumpaniji f'għadd ta' industriji, inkluż dawk tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-kura tas-saħħa, tal-prodotti bl-imnut u għall-konsumatur, tal-komunikazzjonijiet, servizzi finanzjarji u industrijali / manifattura,

— Caverion hija kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata inkorporata skont il-liġijiet tal-Finlandja. Caverion topera fl-installazzjoni u l-manutenzjoni tat-teknoloġija tal-bini u tal-proċessi industrijali, b'mod partikolari fit-tisħin, l-elettriku, l-enerġija, il-ventilazzjoni, it-tkessiħ, l-awtomatizzazzjoni tal-bini u d-dixxiplini tekniċi tas-sigurtà tal-bini. Barra minn hekk, Caverion tipprovdi servizzi ta' manutenzjoni għal proċessi ta' manifattura industrijali bħall-idroenerġija, il-manifattura tal-polpa u l-karta u l-proċessi kimiċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.10987 – BAIN CAPITAL / CAVERION

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

# Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10919 – APOLLO / ATLAS AIR WORLDWIDE HOLDINGS)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 481/04)

1. Fid-9 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Apollo Management, L.P. ("Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Atlas Air Worldwide Holdings, Inc. ("Atlas Air", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Apollo takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Atlas Air kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Apollo hija maniġer tal-assi globali attiva f'investimenti ta' portafoll,

— Atlas Air tipprovdi servizzi operattivi ta' inġenji tal-ajru u tal-avjazzjoni esternalizzati, l-aktar għall-merkanzija, u sa ċertu punt aktar limitat, għall-passiġġieri, u hija attiva fl-Afrika, fl-Asja, fil-Paċifiku, fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani, fl-Amerka ta' Fuq u fl-Amerka t'Isfel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10919 – APOLLO / ATLAS AIR WORLDWIDE HOLDINGS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2022/C 481/05)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**"Rökt Vättersik"**

**Nru tal-UE: PDO-SE-02591 – 7.11.2019**

**DOP (X) IĠP ( )**

1. **Isem/Ismijiet**

"Rökt Vättersik"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

L-Iżvezja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. ***Tip ta' prodott***

Klassi 1.7. Ħut frisk, molluski, krustaċji u prodotti derivati minnhom

3.2. ***Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)***

Ir-"Rökt Vättersik" huwa tip ta' ħut abjad (*Coregonus ssp.*) mil-Lag Vättern li jiġi affumikat f'kamra tal-affumikar.

Ir-"Rökt Vättersik" jinbiegħ mingħajr pakkett jew ippakkjat fil-vakwu biex tinkiseb ħajja tal-prodott itwal fuq l-ixkaffa.

Għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

Daqs: Normalment bejn 0,3 u 0,6 kg, iżda jista' jkun hemm eżemplari akbar.

Xaħam: 0,5 - 2,5 %. Il-kontenut tax-xaħam ivarja skont is-sit tal-qbid.

Kulur ta' barra: Minn lewn il-qubbajt skur bi ħjiel vjola (fuq id-dahar) u lewn il-kafellatte skur bi ħjiel ta' ram (fuq iż-żaqq) għal tleqqija lewn ir-ram ċar.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Kulur tal-laħam: Sfumaturi varjati ċari u skuri ta' caput mortuum bi ħjiel ta' qubbajt.

Konsistenza: Il-laħam tal-ħut huwa distint għax jinħass imsajjar, u meta jingidem huwa pjaċevolment sod.

Togħma: Togħma mielħa qawwija u togħma distinta ta' affumikar, b'kemxejn nota ħelwa-qarsa ta' qatran.

Aroma: Aroma qawwija u distinta ta' duħħan

3.3. ***Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)***

Il-ħut abjad prinċipalment jiekol krustaċji żgħar relitti tal-era glaċjali (*Mysis sp.*, *Pallasea sp.* u *Pontoporeia sp.*), bajd tal-ħut, gasteropodi, maskli, krustaċji u ħut żgħir li huwa preżenti b'mod naturali fil-Lag Vättern.

Ħut abjad (*Coregonus ssp.*) mil-Lag Vättern, magħruf bħala "Vättersik"

3.4. ***Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita***

Il-passi kollha fil-produzzjoni, mill-qbid tal-ħut, li huwa preżenti b'mod naturali fil-Lag Vättern, sal-produzzjoni tar-"Rökt Vättersik" billi mbagħad jiġi affumikat il-ħut, iridu jsiru fiż-żona ġeografika deskritta f'(4).

3.5. ***Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.***

—

3.6. ***Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar***

—

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tar-"Rökt Vättersik" tikkonsisti mil-Lag Vättern u l-art tal-madwar f'raġġ ta' 10 km mil-linja tal-ilma f'livelli normali tal-ilma.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta bejn iż-żona ġeografika u l-karatteristiċi tar-"Rökt Vättersik" huma bbażati kemm fuq il-kundizzjonijiet naturali fiż-żona ġeografika kif ukoll fuq fatturi umani.

*Deskrizzjoni tal-fatturi naturali rilevanti għar-rabta*

Il-Lag Vättern, li huwa l-ħames l-akbar lag fl-Ewropa, issepara minn dak li llum huwa l-Baħar Baltiku madwar 8 000 sena ilu. Illum il-wiċċ tal-lag huwa 88,5 m 'il fuq mil-livell tal-Baħar Baltiku.

L-iżolament minn sistemi oħra tal-ilma wassal biex il-popolazzjoni tal-ħut abjad (*Coregonus ssp.*) tal-Lag Vättern żviluppat b'mod separat minn popolazzjonijiet oħra tal-ħut abjad u issa hija ġenetikament distinta minn popolazzjonijiet oħra tal-ħut abjad.

Il-Lag Vättern huwa lag tal-ilma kiesaħ tipiku b'ammont baxx ta' nutrijenti (it-temperatura medja tal-ilma hija madwar 10 °C) b'ilma ċar (it-trasparenza tal-ilma hija ta' madwar 15 m) u skambju kajman tal-ilma (madwar 60 sena).

L-ilma kiesaħ jipprovdi ħabitat tajjeb għall-ispeċi tipiċi tal-ilma kiesaħ, bħall-ħut abjad tal-Lag Vättern, u għall-krustaċji relitti tal-era glaċjali li jikkostitwixxu s-sors ewlieni tagħha tal-ikel.

Minħabba l-ilma kiesaħ u b'ammont baxx ta' nutrijenti tal-Lag Vättern, il-ħut abjad fil-Lag Vättern huwa dgħif (kontenut ta' xaħam ta' 0,5-2,5 %, skont iż-żmien tas-sena u s-sit tal-qbid) u iżgħar fid-daqs (ġeneralment 0,3 - 0,6 kg) minn ħut abjad maqbud f'sistemi oħra tal-ilma.

Il-kontenut baxx ta' xaħam tiegħu jagħti lir-"Rökt Vättersik" laħam li huwa aktar sod b'mod distint, u fermezza aktar pjaċevoli meta jingidem, minn tipi oħra ta' ħut affumikat komunement disponibbli fis-suq. Il-kontenut baxx ta' xaħam jgħin ukoll biex jagħmel it-togħma tar-"Rökt Vättersik" aktar sottili u eleganti minn dik ta' tipi komuni oħra ta' ħut affumikat.

*Deskrizzjoni tal-fatturi umani rilevanti għar-rabta ġeografika*

Minn perspettiva storika, il-produzzjoni tar-"Rökt Vättersik" kienet ta' importanza kbira għan-nies li jgħixu mal-Lag Vättern. Tradizzjonalment, is-sajjieda kienu jaffumikaw u jbigħu ir-"Rökt Vättersik" huma stess. Din it-tradizzjoni għadha ħajja, anke jekk illum hemm ukoll min jew jistad biss jew jaffumika biss il-ħut abjad mil-Lag Vättern.

Is-sajd għall-ħut abjad u l-affumikar tiegħu huma sengħa tradizzjonali bbażata fuq għarfien ta' fatturi bħall-imġiba tal-ħut abjad tal-Lag Vättern u kif jiġi affumikat il-ħut dgħif, miksub tul il-ġenerazzjonijiet u spiss mgħoddi fil-familji.

Il-ħut abjad huwa preżenti f'postijiet differenti madwar il-Lag Vättern u f'livelli ta' fond differenti, skont fatturi bħall-provvista tal-ikel u ż-żmien tas-sena. Fil-perjodu bejn Awwissu u Novembru, il-ħut abjad jgħix f'ilmijiet baxxi f'fond ta' mhux aktar minn 30 metru, qrib is-siti fejn ibid. Minn Diċembru 'l hemm, il-ħut abjad jimxi għal ilmijiet dejjem aktar fondi, biex b'hekk sal-aħħar ta' Frar jinqabad f'fond ta' 90-120 metru. Il-provvista tal-ikel tkun akbar fiż-żoni aktar baxxi tal-Lag Vättern fir-rebbiegħa, li jfisser li l-ħut abjad jerġa' lura lejn iż-żoni aktar baxxi tal-lag.

Meta jistadu għall-ħut abjad, is-sajjieda jridu jkunu familjari max-xejriet tal-migrazzjoni staġunali tiegħu biex ifittex l-ikel. Huma jagħżlu żoni fejn jistadu fil-lag fejn il-ħut abjad huwa l-aktar probabbli li jkun preżenti f'dak il-ħin partikolari.

Meta l-ħut abjad jiġi affumikat, l-affumikar irid jiġi aġġustat għal għadd ta' fatturi biex il-prodott jikseb il-karatteristiċi tar-"Rökt Vättersik". Il-proċess tal-affumikar irid jiġi adattat għal fatturi bħall-istaġun, il-klima u l-pressjoni tal-arja. Iż-żoni tas-sajd u l-perjodi tas-sajd – iż-żmien tas-sena li fih jinqabad il-ħut abjad – ukoll jaffettwaw il-proċess tal-affumikar, billi l-kontenut tax-xaħam tal-ħuta jvarja.

L-għarfien dwar il-karatteristiċi speċjali ta' kull kamra tal-affumikar – kemm jipproduċi duħħan il-forn u kif jiġi distribwit fil-forn – ukoll huwa ta' importanza deċiżiva għall-karatteristiċi tal-prodott finali.

Peress li kull kamra tal-affumikar għandha l-karatteristiċi speċjali tagħha, l-affumikaturi jsegwu proċedura tal-affumikar adattata għall-kamra tal-affumikar tagħhom stess. Skont id-disinn tal-kamra tal-affumikar, il-ħut abjad jista' jeħtieġ li jitmexxa ġewwa l-kamra tal-affumikar waqt il-proċess tal-affumikar biex jiġi żgurat li jiġi affumikat b'mod uniformi. L-iżvilupp tad-duħħan ġewwa l-kamra tal-affumikar huwa kkontrollat mill-użu alternat ta' injam imnixxef u mxarrab jew li jkun għadu kif inqata'.

Il-ħin meħtieġ għall-affumikar ivarja skont it-temperatura (ġeneralment 70-80 °C) u l-iżvilupp tad-duħħan fil-kamra tal-affumikar. L-affumikatur jiddeċiedi meta l-ħut abjad ikun lest billi jiċċekkja s-sawra tiegħu, ixomm il-ħut u jħoss kemm il-pinen ikunu ibsin.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott**

https://www.livsmedelsverket.se/globalassets/foretag-regler-kontroll/livsmedelsinformation-markning-halsopastaenden/skyddade-beteckningar/ansokan_vattersik_2022_07_07.pdf

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2022/C 481/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**"Αφρίνα / Afrina"**

**Nru tal-UE: PGI-GR-02822 – 6.12.2021**

**DOP ( ) IĠP (X)**

1. **Isem/Ismijiet**

"Αφρίνα / Afrina"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

Il-Greċja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. ***Tip ta' prodott***

Klassi 2.6. Melħ

3.2. ***Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)***

L-"Αφρίνα / Afrina" huwa fleur de sel prodott esklużivament fil-marġ salmastru "abjad" ta' Mesolongi. Huwa melħ tal-baħar mhux ipproċessat mingħajr addittivi u ma jsirlu l-ebda trattament wara l-ħsad.

L-"Αφρίνα / Afrina" jikkonsisti minn kristalli fini bojod tal-klorur tas-sodju ffurmati fuq il-wiċċ tas-salmura tal-għadajjar tal-kristallizzazzjoni f'kundizzjonijiet klimatiċi favorevoli (riħ, temperatura u xemx). Huwa inqas mielaħ mill-melħ, b'togħma kemxejn morra minħabba kontenut għoli ta' manjeżju u għalhekk huwa ideali għal platti nejjin jew mixwija jew saħansitra għad-deżerti. Fih ħafna oligoelementi – metalli li jinsabu fl-ilma baħar – u speċjalment manjeżju (Mg).

L-"Αφρίνα / Afrina" jinġabar bl-idejn biss u għandu l-karatteristiċi organolettiċi, fiżiċi u kimiċi stipulati fit-Tabelli 1 u 2.

*Tabella 1*

**Karatteristiċi organolettiċi u fiżiċi**

| | |
|---|---|
| Dehra | Kristalli bojod |
| Togħma | Mielaħ |
| Riħa | Mingħajr riħa |
| Granulometrija | > 3 mm 0 %<br>1-3 mm 45-55 %<br>< 1 mm 45-55 % |

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

*Tabella 2*

**Kompożizzjoni kimika**

| Parametru kimiku | Kontenut (%) |
|---|---|
| Umdità | 1,0 - 5,0 |
| Ma jinħallx fl-ilma | 0,020 - 0,120 |
| Kalċju (fil-materja niexfa) | 0,010 - 0,300 |
| Manjeżju (fil-materja niexfa) | 0,060 - 0,300 |
| Sulfati (fil-materja niexfa) | 0,200 - 1,100 |
| NaCl (fil-materja niexfa) | 97,0 - 99,5 |

3.3. ***Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)***

—

3.4. ***Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita***

L-operazzjonijiet li jridu jseħħu fiż-żona ġeografika huma:

— l-estrazzjoni mill-baħar;

— iċ-ċirkolazzjoni tal-ilma estratt fl-għadajjar tal-evaporazzjoni;

— il-provvista lill-għadajjar tal-kristallizzazzjoni;

— il-ħsad;

— l-iskular naturali tal-"Αφρίνα / Afrina".

3.5. ***Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.***

—

3.6. ***Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar***

—

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika li fiha jiġi prodott l-"Αφρίνα / Afrina", skont kriterji storiċi, ġeografiċi u antropoloġiċi, tinsab fil-muniċipalità ta' Iera Polis Mesolongiou, fl-Unità Reġjonali ta' Aitoloakarnania fir-Reġjun tal-Greċja tal-Punent, u hija ddefinita mil-limiti ġeografiċi tal-marġ salmastru "abjad":

— Fit-Tramuntana tal-marġijiet ta' Foinikia

— Fil-Grieg il-Lvant tat-triq nazzjonali l-qadima bejn Mesolongi u Aitolikos

— Fil-Punent tal-laguna ta' Mesolongi

— Fin-Nofsinhar ix-Xlokk tal-unità muniċipali ta' Iera Polis Mesolongiou.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

L-"Αφρίνα / Afrina" jiġi prodott fil-laguna ta' Mesolongi u kiseb reputazzjoni eċċellenti u fama konsiderevoli kemm fil-Greċja kif ukoll lil hinn minnha. Ir-reputazzjoni u l-karatteristiċi tal-prodott li huma dovuti għall-oriġini ġeografika tiegħu għalhekk jiffurmaw il-bażi tar-rabta tiegħu maż-żona ġeografika.

Din ir-reputazzjoni hija bbażata prinċipalment fuq is-sawra u t-togħma tiegħu, li huma ddeterminati mill-mikroklima speċifika tas-salini u l-laguna ta' Mesolongi u l-ħsad tradizzjonali bl-idejn, li prattikament ma nbidilx matul is-snin.

Is-salini ta' Mesolongi huma ambjent ta' produzzjoni ideali, protetti mill-Konvenzjoni ta' Ramsar u Natura 2000. Ir-reputazzjoni tal-prodott hija msaħħa min-natura unika tal-ekosistema tas-salina ta' Mesolongi u l-fama tal-laguna ta' Mesolongi – il-"lag sabiħ ħafna" ta' Omeru. Il-Professur Christos Siasos (Agrinioculture, 2014) jiddeskrivi Mesolongi bħala l-"art tat-teżor l-abjad".

L-uċuħ attivi tas-salini (għadajjar tal-evaporazzjoni u għadajjar tal-kristallizzazzjoni) huma taflin peress li t-tafal ma jgħaddix ilma minnu. L-ilma baħar jikkondensa fl-għadajjar tal-evaporazzjoni u l-melħ jikkristallizza fl-għadajjar. L-għadajjar tal-kristallizzazzjoni għandhom wiċċ uniformi fit-tul u fil-wisa'. Dan ifisser li anke mewġ żgħir jista' jġorr l-"Αφρίνα / Afrina" sat-tarf tal-għadajjar minn fejn imbagħad jinġabar.

Il-produzzjoni tal-"Αφρίνα / Afrina" teħtieġ evaporazzjoni/konċentrazzjoni kontinwa ta' kwantità suffiċjenti ta' ilma baħar sal-punt meta l-kontenut tal-melħ jibda jikkristallizza. Il-konċentrazzjoni sseħħ b'mod naturali, grazzi għall-enerġija solari u l-mikroklima prevalenti, jiġifieri l-veloċità tar-riħ, it-temperatura u l-umdità relattiva. L-ilmijiet salini jeħtieġu rjieħ qawwija minbarra x-xemx għall-konċentrazzjoni, speċjalment matul il-perjodu tas-sajf, filwaqt li ma jridx ikun hemm xita qawwija matul l-istaġun tat-tkabbir biex il-melħ jikkristallizza.

Fuq il-wiċċ tal-għadajjar tal-kristallizzazzjoni, li huma kbar, jifforma saff irqiq ta' kristalli tal-melħ. L-irjieħ tal-Punent iġorru s-saff tal-wiċċ ta' dawn il-kristalli lejn in-naħa tal-Lvant tal-għadajjar fejn fl-aħħar jinġabar l-"Αφρίνα / Afrina".

Il-fattur uman huwa importanti wkoll, peress li l-operazzjoni tradizzjonali tal-ħsad, li baqgħet prattikament l-istess matul is-snin, ukoll għenet biex tinħoloq u tinżamm ir-reputazzjoni tal-prodott. Il-ħaddiema tas-sengħa jiġbru l-"Αφρίνα / Afrina" bl-idejn, permezz ta' għodod tal-injam, u jiżguraw l-uniformità tal-prodott finali bis-saħħa tat-taħriġ u l-esperjenza tagħhom. L-identifikazzjoni u s-separazzjoni tal-prodott jeħtieġu esperjenza u ħila. Din it-teknika tradizzjonali tgħaddi minn ġenerazzjoni ta' ħaddiema fis-sengħa tal-melħ għall-oħra.

Il-ħsad tal-kristalli tal-melħ fil-wiċċ bl-idejn jagħti lill-prodott purità għolja b'nuqqas totali ta' ħama (minħabba li l-kristalli ma jiġux f'kuntatt mal-qiegħ tal-għadira tal-kristallizzazzjoni) u kulur abjad naturali. Għalhekk ma hemmx bżonn li l-prodott jinħasel, u dan ifisser li għandu kontenut ogħla ta' mluħ inorganiċi, b'mod partikolari mluħ tal-manjeżju li jinħallu. Il-kontenut ta' manjeżju tal-"Αφρίνα / Afrina" għalhekk jaqbeż dak ta' mluħ komuni oħra u ta' mluħ kummerċjali pproċessati, u dan jagħtih togħma speċjali (ftit morra, inqas mielħa) u jagħmlu ideali għal platti nejjin jew mixwija, jew saħansitra għad-deżerti.

L-"Αφρίνα / Afrina" huwa l-isem użat tradizzjonalment għall-fleur de sel prodott fir-reġjun ta' Mesolongi. Il-kelma "Αφρίνα / Afrina" nnifisha, li ġejja mill-kelma għal "ragħwa" (afrós), tindika kif isir il-prodott. Fil-ktieb tiegħu Mesolongi (1925), K. A. Stasinopoulos kiteb: "Il-melħ lussuż li jevapora b'mod naturali, Afrina, ukoll huwa prodott fil-laguna. Ir-ragħwa tifforma mill-mewġ żgħir li jispiċċa fix-xejn max-xtajtiet tal-laguna. Is-sħana tax-xemx tikkondensa r-ragħwa u jiġi ffurmat l-Afrina".

Ir-reputazzjoni tal-prodott hija kkonfermata minn bosta referenzi storiċi u bibljografiċi.

L-ewwel referenzi storiċi għall-"Αφρίνα / Afrina" jmorru lura għall-bidu tas-seklu preċedenti. Fil-ktieb tiegħu To alas (Salt) (1906) K. A. Stasinopoulos kiteb li "l-aqwa mill-imluħ kollha li jevaporaw b'mod naturali u mill-imluħ kollha Griegi b'mod ġenerali huwa l-Afrina minn Mesolongi". L-"Αφρίνα / Afrina" kien rikonoxxut li huwa ta' kwalità u togħma superjuri u kien imfittex ħafna bħala rigal lussuż (Mesolongi, K. A. Stasinopoulos, 1925).

It-togħma u s-sawra tiegħu kisbu ħafna tfaħħir mingħand esperti, pereżempju: F'To alas (Salt) (1906) K. A. Stasinopoulos kiteb: "ir-ragħwa hija bajda silġ u delikata daqs l-etere". Barra minn hekk, il-Professur Christos Siasos (Agrinioculture, 2014) isemmi l-karatteristiċi li ġejjin: "Iż-żiffa tipproduċi forom qishom laqx madwar l-għadajjar tal-kristallizzazzjoni, qabel ma l-melħ jiġi estratt mill-għadajjar. Dan il-laqx jikkostitwixxi l-fleur de sel magħruf bħala l-Afrina f'dan ir-reġjun. L-Afrina jinġabar bl-idejn. Huwa meqjus bħala l-aqwa melħ bl-aqwa togħma. Għandu sawra distintiva, jinħall fil-ħalq u jipproduċi kaskata ta' togħmiet".

Fil-ktieb tagħha "Speak the Mesolongi dialect" (1979) rebbieħ ta' premjijiet, u li fih madwar 2000 kelma u espressjoni lokali, il-kittieba Akakia Kordosi minn Mesolongi kitbet: "Afrina: ragħwa tal-melħ".

Fil-ktieb tagħha “SALT - Salt in European history and culture” (1997), Theodora Petanidou, professur fl-Università tal-Eġew, tikteb li “l-Afrina huwa l-isem tradizzjonali fir-reġjun ta’ Mesolongi għall-ammont żgħir ta’ kristalli tal-melħ li jiffurmaw fuq il-wiċċ tas-salmura”.

Ir-referenzi kontemporanji fl-istampa u online, fuq ir-radju u t-televiżjoni u fi programmi speċjalizzati tat-tisjir jippreservaw u jsaħħu r-reputazzjoni u l-fama speċjali tal-prodott.

L-“Αφρίνα / Afrina” jintuża minn ħafna koki magħrufin. Eżempju wieħed huwa fil-platt li għalih il-kok żagħżugħ Nikos Billis rebaħ premju f’San Pellegrino, fejn irrappreżenta lill-pajjiżi tal-Mediterran (Gastronomos, 2016). Stelios Parliaros, George Calombaris, Sotiris Kontizas, Argyros Barbarigos u oħrajn ukoll jużaw l-“Αφρίνα / Afrina” fil-platti tagħhom.

Ta’ min isemmi li l-ewwel Mużew tal-Melħ tal-Greċja ġie stabbilit fl-2019 fiż-żona ta’ Tourlida ta’ Mesolongi, u dan jikkonferma r-reputazzjoni tar-reġjun u r-rabta mill-qrib tiegħu mal-melħ.

Il-kwalità eċċellenti tal-“Αφρίνα / Afrina” ġiet rikonoxxuta konsistentement f’dawn l-aħħar snin. Ma hijiex kumbinazzjoni li rebaħ żewġ premjijiet f’kompetizzjonijiet internazzjonali tal-ikel u t-togħma – midalja tal-fidda fl-2016 fl-Olymp Awards Food and Beverage Competition li saret f’Ateni u rikonoxximent fl-2020 fil-Great Taste awards f’Londra. Ta’ min jinnota wkoll il-fatt li l-“Αφρίνα / Afrina” ntgħażel bħala rigal ta’ tifkira għall-mexxejja fis-summit tan-Nofsinhar tal-UE f’Ateni fl-2016.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott**

http://www.minagric.gr/images/stories/docs/agrotis/POP-PGE/2021/prodiagrafes_afrina280622.pdf

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT